# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 24 ta' Gunju 2002**

**Avviz. numru 585/01**

**Numru**

**Elmo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Stephanie Camilleri u l-istess Stephanie Camilleri**

**vs**

**Salem Mohamed Shueb**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tas-socjeta' attrici nomine et ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' erba mija tnejn u tmenin lira tnejn u tletin centezmu (Lm482.32c) (Lm332.32c lis-socjeta attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u Lm150 lill-attrici Stephanie Camilleri) in linea ta' danni mill-konvenut

ikkagunati u minnhom sborsati in segwitu ghal incident awtomobilisitku li gara Tas-Sliema fit-30 ta' Gunju 1999, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru PV340588 habat mal-vettura Nru STF 112 propjeta tal-attrici Stephanie Camilleri u misjuqa minnha – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperijza, negligenza u in osservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru 1999 u dawk tal-ittra ufficjali presentata mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali mid-data tal-presentata tal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici nomine et sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-12 ta' Gunju 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm332.32,0 u lill-attrici Stephanie Camilleri s-somma ta' Lm150 b'kollox Lm482.32,0 bl-imghax legali mit-18 ta' Gunju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-18 ta' Ottubru 1999 u tat-18 ta' Gunju 2001 imsemmija fl-avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg